

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

7.2.2007

B6-0042/2007

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

biex jingħalaq id-dibattitu dwar dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni imressqa skond l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura minn

Ewa Klamt, Mihael Brejc, Carlos Coelho u Alexander Radwan, f'isem il-Grupp PPE-DE

- Martine Roure u Pervenche Berès, f'isem il-Grupp PSE
- Sophia in 't Veld, Wolf Klinz, Alexander Alvaro, Margarita Starkevičiūtė u Sarah Ludford, f'isem il-Grupp ALDE
- Roberta Angelilli, Roberts Zīle, Eoin Ryan u Guntars Krasts, f'isem il-Grupp UEN
- Kathalijne Maria Buitenweg, f'isem il-Grupp Verts/ALE
- Sylvia-Yvonne Kaufmann u Giusto Catania, f'isem il-Grupp GUE/NGL

dwar is-SWIFT, il-ftehimha dwar il-PNR u d-djalogu tranżatlantiku fuq dawn il-kwistjonijiet

B6-0042/2007

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-SWIFT, il-ftehimha dwar il-PNR u d-djalogu tranżatlantiku fuq dawn il-kwistjonijiet

Il-Parlament Ewropew,

- - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni waqt id-dibattitu tal-31 ta' Jannar 2007, wara l-mistoqsija orali dwar is-SWIFT kif ukoll in-negozjati għal ftehimha għdida dwar il-PNR (rekord ta' l-ismijiet tal-passiġġieri) bejn l-UE u l-Istati Uniti;
- - wara li kkunsidra t-tweġiba tal-Bank Ċentrali Ewropew għall-mistoqsija magħmula lillu, li qajmet il-punt li l-ECB ma kienx informa lill-banek ċentrali, u għalhekk lill-banek nazzjonali, dwar il-prattika ta' l-Istati Uniti li jkollha aċċess għal dejta marbuta ma' tranżazzjonijiet finanzjarji ġġenerati mis-SWIFT,
- - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Artikolu 29 rigward il-ftehimha PNR futura u tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (EDPS) rigward l-irwol ta' l-ECB fil-każ tas-SWIFT,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-qsim tad-dejta u ta' l-informazzjoni hija għodda prezjuża fil-ġlieda internazzjonali kontra t-terroriżmu u l-kriminalità marbuta miegħu;

B. billi l-intrapriżi li għandhom operazzjonijiet fuq iż-żewġ naħat ta' l-Atlantiku isibu rwieħhom, dejjem aktar sikwit, maqbuda bejn ir-rekwiżiti legali konfliġġenti tal-ġurisdizzjonijiet ta' l-Istati Uniti u ta' l-UE;

C. billi l-qsim tad-dejta personali għandu jsir fuq bażi legali xierqa marbuta ma' regoli u kundizzjonijiet ċari, u għandu jkun kopert minn protezzjoni adegwata tal-privatezza u tal-libertajiet ċivili taċ-ċittadini individwali,

D. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra l-kriminalità għandu jkollha leġittimità demokratika xierqa, jiġifieri li l-programmi tal-qsim tad-dejta dejjem għandhom ikunu suġġetti għal skrutinju parlamentari u reviżjoni ġudizzjarja;

Ġenerali

1. Jisħaq li matul l-aħħar snin, bosta ftehimiet li oriġinaw mir-rekwiżiti ta' l-Istati Uniti u li ġew adottati mingħajr l-ebda involviment tal-Parlament Ewropew, b'mod partikulari dawk dwar il-PNR, is-SWIFT u l-eżistenza tas-Sistema Awtomatizzata ta' Identifikar ta' l-Istati Uniti (ATS), wasslu għal sitwazzjoni ta' inċertezza legali rigward il-garanziji meħtieġa rigward il-protezzjoni tad-dejta għall-qsim u t-trasferiment ta' dejta bejn l-UE u l-Istati Uniti għal skopijiet ta' sigurtà pubblika u, b'mod partikulari, għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra t-terroriżmu;

2. Jafferma mill-ġdid li s-soluzzjonijiet maħsuba sa issa mill-Kunsill u mill-Kummissjoni kif ukoll minn kumpaniji privati ma jħarsux b'mod adegwat id-dejta personali taċ-ċittadini ta' l-UE (kif ġie nmutat ukoll fl-ittra mingħand is-Sur Schaar, Chairman tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Artikolu 29 rigward il-ftehim għida proviżorja dwar il-PNR), u li dan jista' jikkostitwixxi ksur tal-leġiżlazzjoni kemm tal-Komunità kif ukoll dik nazzjonali, bħal fil-każ tas-SWIFT (ara l-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Artikolu 29 u ta' l-EDPS);
3. Jinnota l-fatt li fil-ġlieda kontra t-terroriżmu l-Kungress ta' l-Istati Uniti ilu xi żmien jitolb lill-amministrazzjoni ta' l-Istati Uniti biex tadotta miżuri aktar immirati li jiggarrantixxu aktar il-privatezza u li huma suġġetti għall-kontroll parlamentari u ġudizzjarju (kif ġie mitlub meta l-Kungress ġie mgħarraf dwar l-eżistenza tal-programm ta' l-NSA dwar l-interċettar tal-konverżazzjonijiet bit-telefown);
4. Jikkonferma r-riżervi tiegħu, li dan l-aħħar kienu wkoll dawk tal-Kungress, rigward il-metodu ta' l-analiżi u l-estrapolazzjoni tad-dejta, li jikkonsisti fl-akkumulazzjoni, b'mod mhux diskriminatorju, ta' volumi ta' dejta personali dejjem akbar, bħal fil-każ ta' l-ATS użata mill-amministrazzjoni ta' l-Istati Uniti;
5. Jilqa' l-fatt li l-amministrazzjoni ta' l-Istati Uniti riċentament ħadet nota ta' dawn ir-riżervi u li se tipprova ttejjeb is-sitwazzjoni permezz tal-passi li ġejjin:
 - (a) il-ħatra ta' uffiċjali tal-privatezza u/jew ta' aġenzija indipendenti dwar il-privatezza fi ħdan l-amministrazzjoni federali, bil-għan li jagħmlu evalwazzjonijiet rigward l-aspett tal-privatezza ta' l-inizjattivi kollha li potenzjalment jistgħu jillimitaw il-privatezza;
 - (b) it-twaqqif ta' mekkaniżmu li jiggarrantixxi d-dritt ta' appell liċ-ċittadini ta' l-Istati Uniti f'każ ta' użu mhux korrett tad-dejta tagħhom;
6. Jemmen, madankollu, li dan it-titjib mhuwiex biżżejjed rigward il-protezzjoni tad-dejta għaċ-ċittadini ta' l-UE u li jkun verament opportun li kieku l-Att dwar il-Privatezza ta' l-1974 ikun jista' japplika wkoll għaċ-ċittadini ta' l-UE fuq bażi ta' reċiproċità, sabiex huma jkollhom aċċess għad-dejta tagħhom, inkluż li jkunu jistgħu jirranġawha u jimmodifikawha, kif ukoll ikollhom aċċess għal rikors quddiem mekkaniżmu legali jew quddiem awtorità indipendenti tal-protezzjoni tad-dejta;
7. Ifakkar fil-konvinzjoni tiegħu li dan it-tip ta' garanziji ta' protezzjoni tad-dejta jistgħu jiffaċilitaw il-qsim tad-dejta filwaqt li jassiguraw il-protezzjoni tal-privatezza, u li jeħtieġ li f'kull każ, trasferimenti bħal dawn ikunu bbażati fuq ftehim jew ftehimiet internazzjonali bi struttura tixbaħ lil dik tal-ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar il-koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali u fl-estradizzjoni, li bħalissa qed tiġi eżaminata mill-Kungress ta' l-Istati Uniti;
8. Jemmen li billi ftehimiet internazzjonali ta' dan it-tip għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini ta' l-UE kif ukoll ta' dawk ta' l-Istati Uniti, il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri għandhom ikunu involuti b'mod sħiħ, kif għandu jkun ukoll il-Kungress ta' l-Istati Uniti;
9. Jenfasizza li fi kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-dejta, il-ftehimiet għandhom jisħqu sabiex

jiksbu livell għoli ta' protezzjoni rigward ir-riskji ta' l-abbuż, u għandhom jiġu supplimentati bi prinċipji li jorbtu fuq livell ta' l-UE rigward il-protezzjoni tad-dejta għal raġunijiet ta' sigurtà (it-tielet pilastru);

10. Jisħaq dwar il-ħtieġa li tiġi adottata Deċiżjoni ta' Qafas dwar il-ħarsien tad-dejta personali fit-tielet pilastru; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, fl-opinjoni li adotta b'mod unanimu fis-27 ta' Settembru 2006, huwa sejjaħ għal kamp ta' applikazzjoni komprensiv u ambizzjuż li jipprovdi għal regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta li jkopru wkoll l-iskambju ta' dejta personali ma' pajjiżi terzi;
11. Jemmen li hemm il-ħtieġa li wieħed jiddefinixxi, flimkien ma' l-Istati Uniti, qafas konġunt biex jissalvagwardja l-garanziji meħtieġa fis-sħubija speċjali bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, li jista' wkoll ikollu x'jaqşam ma' l-aspetti kollha marbuta mal-moviment ħieles ta' persuni bejn l-UE u l-Istati Uniti;
12. Jistenna li din l-istrateġija ta' sħubija tranżatlantika tiġi diskussa fis-samit li jmiss bejn l-UE u l-Istati Uniti fit-30 ta' April 2007 u jqis li, f'din il-perspettiva, il-kuntatti bejn il-Parlament Ewropew u l-Kungress għandhom jissaħħu; jitlob li:
 - (a) rapporteurs mill-Parlament Ewropew għandhom jitħallew jattendu smiġh fil-Kungress ta' l-Istati Uniti dwar temi li huma ta' interess komuni (il-ftehma bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar il-koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali u fl-estradizzjoni, ATS, SWIFT);
 - (b) iċ-Chairpersons tal-komitati kompetenti tal-Kungress għandhom jiġu mistiedna bi ttejjija għad-djalogu tranżatlantiku li jmiss (Brussell-Berlin f'nofs April 2007) u żgur li qabel is-samit tar-rebbiegħa li jmiss bejn l-UE u l-Istati Uniti;

Dwar in-negożjati tal-ftehma dwar il-PNR fuq żmien twil

13. Jenfasizza li, minbarra l-punti li diġà ġew adottati mill-Parlament f'Settembru, ftehma dwar il-PNR fuq żmien twil għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji li ġejjin:
 - (a) tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza: għandha ssir evalwazzjoni bir-reqqa qabel ma tintlaħaq ftehma ġdida; għandha tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' l-effettività tal-ftehma eżistenti (u ta' dik ta' qabilha), kif ukoll il-kwistjoni ta' l-ispejjeż u l-kompetittività tal-kumpaniji ta' l-ajru Ewropej; l-evalwazzjoni għandha tindirizza l-implimentazzjoni ta' l-impenji meħuda u l-kwistjoni tad-dejta tal-PNR fl-ATS;
 - (b) it-trasferimenti tal-PNR għandhom ikunu bbażati fuq prinċipju ċar ta' limitazzjoni ta' l-iskop;
 - (c) ġustifikazzjoni u proporzjonalità: jidher li, fil-prattika, għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi u ta' sigurtà, id-dejta ta' l-APIS huma aktar minn biżżejjed; din id-dejta diġà tinġabar fl-Ewropa b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) 2299/89, u għalhekk jista' jsir skambju ta' din id-dejta ma' l-Istati Uniti taħt sistema komparabbli; jidher li d-dejta dwar l-imġiba fil-PNR għandha użu limitat, għax ma tistax tiġi identifikata jekk ma tkunx konnessa ma' l-APIS; għalhekk il-ġustifikazzjoni għat-

trasferiment ġenerali tad-dejta tal-PNR mhijiex sodisfaċenti;

- (d) ftehimha futura għandha tkun ibbażata fuq garanzija li tkun adegwata rigward il-protezzjoni tad-dejta personali; min-naħa Ewropea, tidher ċara l-ħtieġa urġenti ta' regoli għall-protezzjoni tad-dejta personali fit-tielet pilastru, kif ukoll standards globali li jkopru l-kategoriji kollha ta' dejta personali;
- (e) għandha ssir evalwazzjoni regolari dwar kemm huwa adegwat u effettiv il-programm fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta, bl-involvement tal-PE u, jekk hu possibbli, tal-Kungress ta' l-Istati Uniti; evalwazzjoni annwali għandha tiffirma parti minn kull ftehimha tal-ġejjieni; ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jkun pubbliku u għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew;
- (f) soluzzjonijiet alternattivi, bħall-Awtorizzazzjonijiet Elettroniċi għall-Ivvjaġġar fil-qafas ta' Programm għat-Tneħħija tal-Viża, minflok it-trasferiment tal-PNR mill-kumpaniji ta' l-ajru, għandu jkun konformi ma' l-istandards Ewropej tal-protezzjoni tad-dejta;
- (g) il-kundizzjonijiet attwali stipulati fl-impenji Amerikani għandhom isiri parti integrali mill-ftehimha u għandhom ikunu jorbtu legalment; ftehimha futura għandu jkollha aktar leġittimità demokratika, b'involvement sħiħ tal-Parlament Ewropew u/jew ratifikazzjoni mill-parlamenti nazzjonali;
- (h) f'kull każ, ftehimha futura għandha tkun ibbażata fuq is-sistema PUSH, u s-sistema PULL m'għandhiex tibqa' tkun aċċettabbli billi l-PUSH suppost li diġà ġiet introdotta taħt il-ftehimha ta' qabel, malli dan kien teknikament possibbli;
- (i) il-passiġġieri għandhom ikunu infurmati dwar it-trasferiment tar-rekords tal-PNR u għandu jkollhom aċċess għad-dejta tagħhom, fosthom li jirranġawha u jbidduha, u għandu jkollhom ukoll il-possibiltà ta' rikors quddiem mekkaniżmu legali jew quddiem awtorità indipendenti tal-protezzjoni tad-dejta;

Dwar l-aċċess għad-dejta tas-SWIFT

- 14. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li s-SWIFT, għal erba' snin, fuq il-bażi ta' notifika ta' taħrikiet, ta' ċ-ċans lill-amministrazzjoni ta' l-Istati Uniti li jkollha aċċess għad-dejta kollha trattata fis-sistema tiegħu, inkluża dejta li ma kellhiex x'taqsam ma' ċittadini ta' l-Istati Uniti u dejta li ma ġietx prodotta fuq it-territorju ta' l-Istati Uniti, u dan fuq il-bażi ta' deċiżjoni purament kummerċjali li jkun hemm duplikar sistematiku tad-dejta għal fuq sistema ta' riflessjoni ta' informazzjoni bbażata fl-Istati Uniti, bi ksur tal-leġiżlazzjoni Ewropea u nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-dejta;
- 15. Huwa mħasseb dwar il-fatt li din is-sitwazzjoni, li tikkostitwixxi ksur ta' l-ECHR u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll tat-Trattati u tal-leġiżlazzjoni sekondarja (Direttiva 95/46 u Regolament 45/2001), ma ġietx ikkritikata bil-qawwa fi stadju aktar bikri mill-ECB jew mill-Grupp ta' 10 Banek Ċentrali li jissorveljaw l-attivitajiet tas-SWIFT, u li huwa biss dan l-aħħar żmien li l-banek Ewropej u l-klijenti tagħhom ġew avżati dwar is-sitwazzjoni permezz ta' rapporti fl-istampa;

16. Jesprimi dispjaċir kbir għall-fatt li, bosta xhur wara li dawn il-kwistjonijiet ġew żvelati, il-Kunsill għadu ma ħax pożizzjoni dwar dan is-suġġett li jaffettwa għadd daqshekk kbir ta' ċittadini, konsumaturi u intrapriżi, u li sebgħa biss mis-27 Stat Membru rrispondew għall-kwestjonarju mibgħut mill-Kummissjoni biex tikseb kjarifikazzjonijiet dwar ir-rispett tal-liġijiet nazzjonali u tal-Komunità dwar il-protezzjoni tad-dejta;
17. Japprova l-opinjoni li esprima l-EDPS dwar l-irwol ta' l-ECB u jitlob lill-ECB sabiex:
- bħala l-organu li għandu l-kompitu li jissorvelja s-SWIFT, jesplora soluzzjonijiet bil-għan li jiżgura l-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta u li jiżgura li r-regoli dwar il-kunfidenzjalità ma jwaqqfux milli l-informazzjoni tingħata fi żmien xieraq lill-awtoritajiet rilevanti;
 - bħala utent tas-SWIFTNet-Fin, jesplora soluzzjonijiet biex iġib l-operazzjonijiet tiegħu tal-pagament f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tad-dejta, u biex, sa mhux aktar tard minn April 2007, iħejji rapport dwar il-miżuri li ttieħdu;
 - bħala l-entità li tfassal il-politika, f'koperazzjoni mal-banek ċentrali u ma' l-istituzzjonijiet finanzjarji, tiżgura li s-sistemi Ewropej ta' pagament, inkluża s-sistema futura 'TARGET2', huma totalment konformi mal-liġi Ewopea dwar il-protezzjoni tad-dejta;
18. Itenni l-fehma tiegħu li, f'kundizzjonijiet definiti b'mod ċar, id-dejta prodotta minn tranżazzjonijiet finanzjarji tista' tintuża għal skopijiet ġudizzjarji investigattivi u jfakkar li kemm l-UE u kemm l-Istati Uniti implimentaw ir-Rakkomandazzjoni VII ta' l-FATF fil-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom (Regolament 1781/2006 u l-Att dwar is-Segretezza tal-Banek)
19. Ifakkar li mill-31 ta' Diċembru 2006, skond ir-Rakkomandazzjoni VII tal-FATF, l-istituzzjonijiet finanzjarji huma marbuta li jiġbru u jżommu rekord ta' ċerta dejta speċifikata rigward it-trasferiment ta' fondi ta' \$ 1000 jew aktar fl-Ewropa (\$ 3000 fl-Istati Uniti); dawn ir-rekords kollha jridu jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet jew ikun disponibbli għalihom jekk dawn jitolbuhom¹;
20. Jemmen li l-UE u l-Istati Uniti huma alleati fundamentali u leali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u li għalhekk, dan il-qafas leġiżlattiv għandu jkun il-bażi ta' negozjati dwar ftehim internazzjonali possibbli, ibbażata fuq is-suppożizzjoni li s-SWIFT, bħala kumpanija Belġjana, hija suġġetta għal-liġi Belġjana u konsegwentement għandha r-responsabbiltà li tittratta d-dejta b'konformità ma' l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 95/46; jinnota li l-konsegwenza naturali tkun li s-SWIFT ikun obligat li jwaqqaf il-prattika attwali tiegħu ta' riflessjoni tad-dejta kollha li għandha x'taqsam maċ-ċittadini u intrapriżi ta' l-UE fis-sit tiegħu ta' l-Istati Uniti, jew li jċaqlaq is-sit alternattiv tal-bażi tad-dejta tiegħu barra mill-ġurisdizzjoni Amerikana;
21. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li s-SWIFT jipprovdi wkoll servizzi barra mill-Ewropa u

¹ (Ara r-rapport ippublikat reċentament mill-FinCEN dwar l-irrapportar ta' trasferimenti transkonfinali ta' fondi : http://www.fincen.gov/news_release_cross_border.html)

mill-Istati Uniti u għalhekk iqis li kull miżura adottata għandha tikkunsidra l-aspett globali tas-servizzi tas-SWIFT;

22. Jitlob lill-Kummissjoni, li għandha l-kompetenza kemm fil-protezzjoni tad-dejta kif ukoll fil-leġislazzjoni dwar is-sistemi tal-ħlas, biex tanalizza l-potenzjal ta' l-ispjunaġġ ekonomiku u kummerċjali li jista' jirriżulta mill-għamla tas-sistemi attwali tal-ħlas fl-aktar sens wiesa', u għalhekk inklużi, b'mod partikulari, il-fornituri tas-servizzi tal-messaġġi, u biex tirrapporta dwar metodi li bihom tista' tiġi affrontata din il-problema;
23. Jinnota li s-servizzi finanzjarji jistgħu jkunu eżentati mill-Ftehma Safe Harbour, kif stqarr il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Artikolu 29 fl-Opinjoni 10/2006 tiegħu; huwa mħasseb dwar il-fatt li kumpaniji u setturi Ewropej li għandhom operazzjonijiet fl-Istati Uniti u li mhumiex koperti bil-Ftehma Safe Harbour jistgħu attwalment ikunu sfurzati li jagħmlu d-dejta personali disponibbli għall-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti, b'mod partikulari fergħat Amerikani ta' banek Ewropej, ta' kumpaniji ta' l-assikurazzjoni, ta' istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u ta' fornituri ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni; jitlob lill-Kummissjoni biex tinvestiga din is-sitwazzjoni bħala kwistjoni urġenti;

Konklużjoni

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri, kif ukoll lill-Kungress ta' l-Istati Uniti.